# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar il-Hamis tnejn u ghoxrin (22) taʼ Marzu 2018**

**Rikors Numru 264/14 FDP**

**Daphne Caruana Galizia (ID 450664M) u, permezz ta' digriet datat 11 ta' Jannar 2018, Dr Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia assumew l-atti wara il-mewt tar-rikorrenti Daphne Caruana Galizia.**

**vs**

**Dr.Toni Abela u, b'digriet datat 6 ta' Dicembru 2016 l-atti gew assunti minn Aleander Balzan (ID 586485M)**

Il-Qorti:-

Il-Qorti, rat ir-rikors ippresentat fis 6 ta' Awissu 2014 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamlu referenza ghall-artikolu illi deher fit-tieni pagna tal-harga tal-Kullhadd tat 3 ta' Awissu 2014 intitolat '€2.5 MILJUNI F'KUNTRATTI', talbu lill-Qorti tiddikjara illi tali pubblikazzjoni kienet libelluza u malafamanti fil-konfront taghhom u ghalhekk il-Qorti kellha tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Il-Qorti rat il-harga tal-Kullhadd tat-3 ta' Awissu 2014 fejn, fil-faccata ta' quddiem, taht titolu '€2.5 miljun f'kuntratti', kien hemm ritratti tar-rikorrent Dr Andrew Borg Cardona u Daphne Caruana Galizia bi sfond ta' ritratt iehor ta' numru konsidervoli ta' karti tal-flus fil-valur ta' €500 kull wiehed u taht kien hemm miktub is-segwenti:

> *"Kumpannija li fost is-shareholders taghha hemm Andrew Borg Cardona u Peter Caruana Galizia, li t-tnejn huwa maghrufa ghall-appogg qawwi li jaghtu lill-Partit Nazzjonalista, inghatat iktar minn €2.5 miljunf'kuntratti pubblici mill-gvernijiet Nazzjonalisti mmexxija minn Lawrence Gonzi."*

Fit-tieni faccata tal-gurnal Kullhadd, l-artikolu jkompli u, taht it-titolu "127 kuntratt minghand Gvern Nazzjonalista", jinghad is-segwenti:

*Il-Kumpannija li nghatat aktar minn €2.5 miljun f'kuntratti minn Gvernijiet Nazzjonalisti hija Evolve Limited, li fost is-shareholders taghha hemm BCGL Services Limited. Id-diretturi ta' BCGL Services huma Andrew Borg Cardona u Peter Caruana Galizia. Borg Cardona ilu snin shah jikteb artikli fil-gazzetti kontra l-Partit Laburista u anke jiehu sehem fi programmi fuq NET TV beix jiddefendi lill Simon Busuttil. Min-naha l-ohra, Caruana Galizia huwa r-ragel tal-blogger Nazzjonalista Daphne Caruana Galizia.*

*Gimghatejn ilu din il-gazzetta zvelat kif din il-kumpannija, jiem biss qabel l-ahhar elezzjoni generali tal-2013, inghatat zewgt kuntratti pubblici li wahedhom biss kellhom valur ta' ftit aktar minn €800,000. Din il-gazzetta tista tkompli tizvela hlasijiet ohra li din il-kumapnnija hadet abbazi ta' numru kbir ta' kuntratti pubblici li baqghet tinghata mill-gvernijiet ta' Lawrence Gonzi.*

*Minbarra €800,000 li din il-kumpannija thallset jiem biss qabel l-ahhar elezzjoni generali, hemm ukoll iktar minn €1.7 miljun ohra li nghatat f'kuntratti tul l-ahhar legislatura u anke dik ta' qabel.*

*Taht gvernijiet Nazzjonalisti, Evolve Limited inghatat mal-127 kuntratt u bicca xoghol. Minn tal-inqas 30 kuntrtt inghata b'direct order. Fost il-kuntratti illi nghatat b'direct order kien hemm uhud b'valuri li jaqbzu €48,000, €138,000 u €276,000.*

*L-akbar numru ta' kuntratti li nghataw lil Evolve Limited bejn l-2004 u l-2013 hargu mill-Ministeru responsabbli mill-Intern,, li fl-imsemmi periodu kien jaqa' taht Tonio Borg, Carm Mifsud Bonnici u anke Lawrence Gonzi. Minn dan il-Ministeru biss, il-kumpannija thallset €580,000.*

*Din il-kumpannija thallset ukoll mal €1.4 miljun mill-Ministeru ghall-Edukazzjoni. Bejn l-2004 u l-2013 kien hemm hafna kuntratti ohra li nghataw lil Evolve Limited, fost ohrajn, mill-Agenzija Heritage Malta, mill-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli, mill-Ministeru tat-Trasport u mill-Ufficcju tal-Prim Ministru.*

*Dan kollu fl-istess hin li Andrew Borg Cardona u Peter Caruana Galizia, iz-zewgt diretturi tal-kumpannija li hija shareholder f'Evolve Limited, thallsu bejniethom aktar minn €80,000 f'kuntratti ta' konsulenza li nghataw ukoll minn gvern Nazzjonalista.*

Rat l-eccezzjonijiet ta' l-intimat, bhala editur, ippresentati fis-17 ta' Novembru 2014 fejn huwa qal is-segwenti:

1. *Illi bhala l-Editur tal-gazzetta "Kullhadd", huwa ezercita d-diligenza rikjesta mill-Ligi qabel ma gie ppubblikat l-artikolu li dwaru r-Rikorrenti ressaq l-istanza odjerna u dana kif huwa ser jipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

2. *Illi l-eccipjenti jeccepixxi illi l-pretensjonijiet tar-Rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kontenut li minnu qed tilmenta r-rikorrenti bla ebda mod ma jingurja, jtellef il-gieh jew reputazzjoni jew b'xi mod iehor jimmalafama lill-istess Rikorrenti.*

3. *Illi l-eccipjent jecepixxi illi l-kontenut inkwistjoni huwa 'fair comment' li huwa permessibbli f'kull socjeta demokratika li thaddan bi shih il-liberta ta' l-espressjoni.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri*

Semghet ix-xhieda ta' **Daphne Caruana Galizia** moghtija fis 17 ta' Novembru 2014 fl-atti tal-kawza Nru 265/14 fl-ismjiet 'Daphne Caruana Galizia vs Dr Aaron Farrugia' illi giet dikjarat li kienet applikabbli ghall-kawza odjerna f'verbal datat 29 ta' Jannar 2015.

Rat id-dokjmentazzjoni esebita fl-atti tal-kawza Nru 268/14 fl-ismijiet 'Dr Andrew Borg Cardona et vs Dr Toni Abela' fid 29 ta' Jannar 2015, li gew dikjarati applikabbli ghall-kawza odjerna f'verbal datat 29 ta' Jannar 2015, li kienu jinkludu s-segwenti:

- L-affidavit ta' Dr. Peter Caruana Galizia
- L-Ittra mill-Press Registrar li jikkonferma li l-intimat kien l-editur tal-Kullhadd fid-data tal-harga.
- Il-Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija BCGL Services Limited
- Licenzja mahruga mill-MFSA taht il-Kap 331
- Kopja estratt mill-Website tal-MFSA
- Il-Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija Evolve Limited
- Id-dritt ta' risposta ppubblikat fl-10 ta' Awissu 2014 fil-harga tal-Kullhadd.
- L-affidavit ta' Dr Andrew Borg Cardona

Rat illi fid 29 ta' Jannar 2015 ir-rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Daphne Caruana Galizia moghtija fil 5 ta' Marzu 2015.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Dr Andrew Borg Cardona**, illi saret fil-5 ta' Marzu 2015 fl-atti tal-kawza 268/14.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Dr Peter Caruana Galizia** moghtija fil 11 ta' Mejju 2015.

Ra id-dokumentazzjoni esebita fl-atti tal-kawza 268/14 fuq talba ta' l-intimat fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2015, ossija '*sebgha invoices mahrugin minn BCGL Services Limited lill Evolve Limited bejn is-snin 2006 sa 2013*'.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Toni Abela** moghtija fit 23 ta' Novembru 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Kenneth Gambin**, Chief Executive Officer ta' Heritage Malta, prodott mill-intimat u moghtija fit 3 ta' Novembru 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi permezz ta' nota ppresentata fis 6 ta' Dicembru 2016, Aleander Balzan assuma l-atti tal-kawza flok Dr Toni Abela, bhala Editur tal-gazzetta.

Semghet ix-xhieda ta' **Dean Micallef**, Financial Controller tas-socjeta Attard & Co Group, illi tahtha taqa' is-socjeta Evolve Limited, prodott mill-intimat u moghtija fid-19 ta' Jannar 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Chris Spiteri**, Senior Manager Legal Affairs b'responsabbilta' mal-Corporate Services ta' Transport Malta, prodott mill-intimat u moghtija fid 19 ta' Jannar 2017 u fid 9 ta' Marzu 2017.

Rat illi fit 28 ta' Settembru 2017, l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sottomissjonijiet finali.

Rat illi fid 9 ta' Novembru 2017, wara illi r-rikorrenti sfaqt maqtula permezz ta' bomba mqieghda fil-karozza taghha fis 16 ta' Ottubru 2017, intalbet differiment ghall-legitimazzjoni tal-atti.

Rat illi, permezz ta' digriet datat 11 ta' Jannar 2018, Dr Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia assumew l-atti tal-kaz flok ir-rikorrenti Daphne Caruana Galizia.

Rat illi fis 26 ta' Frar 2018, meta l-kawza kienet appuntata ghat-trattazzjoni finali, deher r-rikorrent Dr Peter Caruana Galizia, illi ghamel it-trattazzjoni tieghu. L-intimat u l-konsulent legali tieghu imsejjhim diversi drabi ma dehrux u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat illi sa illum ma sar ebda tentattiv sabiex jittressqu sottomissjonijiet da' parte ta' l-intimat, u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex taghti s-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, l-ewwel u qabel kollox, illi l-kawza odjerna miexja kontemporanjament mal-kawza Nru 268/2014, fl-ismijiet '**Dr Andrew Borg Cardona et vs Dr Toni Abela**', illi tirrigwarda l-istess artikolu ezatt.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-artikolist tal-gurnal Kullhadd li kiteb l-artikolu meritu tal-kawza odjerna intitolat €2.5 miljuni f'kuntratti, allega u ta x'jifhem lill-qarrejj ordinarju, fil-faccata ta' l-istess gurnal, illi r-rikorrenti Dr Andrew Borg Cardona u Dr Peter Caruana Galizia, bhala shareholders ta' kumpannija, kienu bbenefikaw minn madwar €2.5 miljuni f'kuntratti illi gew mghoddija lill tali kumpannija.

Jirrizulta ukoll illi l-artikolist, fil-faccata ta' quddiem, ghazel illi jippubblika ritratt tar-rikorrent Daphne Caruana Galizia flimkien ma' dak ta' Dr Andrew Borg Cardona.

Jirrizulta, di fatti, illi l-artikolist, illi ddeskriva lill-Dr Andrew Borg Cardona bhala persuna illi "*ilu snin shah jikteb artikli fil-gazzetti kontra l-Partit Laburista u anke jiehu sehem fi programmi fuq NET TV beix jiddefendi lill Simon Busuttil"* filwaqt illi ddeskrika lill Dr Peter Caruana Galizia bhala *"r-ragel tal-blogger Nazzjonalista Daphne Caruana Galizia."*

Jirrizulta illi l-artikolist jaghti x'jifhem illi tali kuntratti inghataw lill dina l-kumpannija allegatament ta' Dr Andrew Borg Cardona u Dr Peter Caruana Galizia in vista tal-appogg qawwi taghhom lill-Partit Nazzjonalista.

Jirrizulta illi, sussegwentement, l-artikolist ikompli jallega illi l-kumpannija Evolve Limited inghatat 127 kuntratt mal-Gvern, fosthom zewgt kuntratti tal-valur ta' €800,000 ftit jiem qabel l-Elezzjoni Generali tas-sena 2013, kif ukoll kuntratti fil-valur ta' "iktar minn €1.7 miljun" tul iz-zewgt legislaturi ta' qabel.

Jirrizulta ukoll illi l-artikolist ikompli jallega illi fost il €1.7 miljun f'kuntratti moghtija lis-socjeta Evolve Limited, inghataw b'madwar 30 kuntratt b'direct order.

Jirrizulta, finalment, li fl-ahhar tal-artikolu, l-artikolist jaghlaq biex jghid li l-kumpanija Evolve Limited hadet dawna l-kuntratti kollha waqt illi r-rikorrenti, bejniethom u personalment thallsu akytar minn €80,000 f'kuntratti.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti mir-rikorrenti, illi s-socjeta BCGL Services Limited, imsemmija mill-artikolist, hija registrata mal-Malta Financial Services Authority bhala '*Trustee'* u toffri '*Fiduciary Services*' lill-klijenti taghha.

Jirrizulta, mill-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta BCGL Services Limited, accessibbli liberament ghand ir-Regsitry of Companies, illi bhala ghan uniku taghha, hemm indikat is-segwenti:

> *"to act as trustee and to provide fiduciary services as provided for in terms of the Trusts and Trustees Act and to carry out all activities and support services, including butn ot limited toadministrative and consultancy servcies which are ancillary or incidental to the said activites."*

Jirrizulta ukoll, mill-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta Evolve Limited, accessibbli wkoll liberament ghand ir-Registry of Companies, illi s-socjeta Attard & Co (Industrial) Limited ghandha 3,000 sehem tal-klassi 'A' f'tali kumpannija filwaqt illi s-socjeta BCGL Services Ltd ghandha 1,000 sehem tal-klassi 'B' u 1,000 sehem tal-klassi 'C'.

Minn tali Memorandu and Articles of Association, jirrizulta wkoll li Hugh Arrigo huwa indikat bhala Chairman u Direttur tas-socjeta, nominat mill-azzjonisti tal-klassi 'A' filwaqt illi Christopher Busuttil huwa indikat bhala Direttur tas-socjeta, nominat mill-azzjonisti tal-klassi 'B'. Ir-rikorrent Dr Peter Caruana Galizia huwa indikat bhala Segretarju ta' l-istess kumpannija.

Jirrizulta, finalment, mill-istess Memorandum and Articles of Association, illi s-socjeta BCGL Services Ltd hija indikata li qiegda tagixxi "as trustee" (fol 28).

Jirrizulta, mid-dokumentazzjoni esebita mill-Financial Controller tas-socjeta Evolve Limited, illi ghas-servizzi ta' "Nominee Shareholding", mis-sena 2010 sas-sena 2016 is-socjeta BCGL Services Limited thallset is-somma komplessiva ta' €5,605. (fol 143).

Jirrizulta, finalment, illi r-rikorrenti Daphne Caruana Galizia, ma ghandha x'taqsam assolutament xejn mas-socjeta BCGL Services Limited u wisq anqas mas-socjeta Evolve Limted u l-unika konnessjoni illi ghandha li wassalha sabiex tiddahhal u tissemma fl-artkolu meritu tal-kawza odjerna kien illi hija kienet mart Dr Peter Caruana Galizia.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, illi tul il-periodu kollha permess lill-intimat sabiex iressaq il-provi tieghu, gew biss imressqa ix-xhieda ta' Heritage Malta u ta' Transport Malta, fejn dawn ta' l-ahhar qalu illi Evolve Limited ma inghatat ebda kuntratt minghandhom filwaqt illi Heritage Malta ikkonfermat illi s-socjeta Evolve Limited kienet rebhet tlett tenders pubblici.

Jirrizulta, madanakollu, illi mill-kuntratti ta’ aktar minn €2.5 miljun imsemmija mill-artikolist, l-unika provi illi gew prodotti quddiem dina l-Qorti kienu zewgt tenders pubblici mirbuha mis-socjeta Evolve Limited fl-ammont komplessiv ta’ madwar €300,000 b’kollox.

L-intimat w l-artikolist ma ressqu ebda prova ohra in sostenn tal-allegazzjonijiet kollha taghhom.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi fil-linja difensjonali ta’ l-intimat, bhala editur, huwa qajjem id-difiza illi, bhala editur’ ezercita d-diligenza kollh a mehtiega fil-Ligi filwaqt illi sahaq li ma kien hemm xejn libelluz f’dak mitkub, anke tenut kont tal-fatt illi kien deher artikolu simili ftit gimjghat qabel u r-rikorrenti ma ghamlu ebda reazzjoni ghaliha.

L-intimat qal ukoll illi dak mitub kien ‘fair comment’ permessibbli f’kull socjeta demokratika li thaddan bi shih il-liberta’ ta’ l-espressjoni.

Dwar id-dritt tal-liberta ta' l-espressjoni w id-dritt tal-gurnalist, il-Qorti tosserva li fil-kawza deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijet **Axel Springer AG vs Germany** deciza fis-7 ta’ Frar 2012, intqal is-segwenti:

> *78. Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual’s self-fulfilment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to “information” or “ideas” that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no “democratic society”. As set forth in Article 10, freedom of expression is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly*
>
> *79. The Court has also repeatedly emphasised the essential role played by the press in a democratic society. Although the press must not overstep certain bounds, regarding in particular protection of the reputation and rights of others, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest. Not only does the press have the task of imparting such information and ideas; the public also has a right to receive them. Were it otherwise, the press would be unable to play its vital role of “public watchdog”*

L-istess Qorti tkompli tghid:

> *81. Journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation (see Pedersen and Baadsgaard, cited above, § 71). Furthermore, it is not for the Court, any more than it is for the national courts, to substitute its own views for those of the press as to what techniques of reporting should be adopted in a particular case.*

Dwar id-difiza ta' '*fair comment*', f’**Gatley on Libel and Slander** jinghad illi :

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for*

*the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Kif jghid Lord Justice Scott fil- kawza **Lyon v. Daily Telegraph**:

*The right of fair comment is one of the fundamental rights of free speech and writing which are so dear to the British nation, and it is of vital importance to the rule of law on which we depend for our personal freedom.*

Dina l-Qorti ma tistax ma tirrepetix, kwazi '*ad nauseam*', illi r-rwol importanti tal-gurnalist u d-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni, ghandha tigi bilancjata bi drittijiet u obbligi fuq l-istess gurnalist fil-qadi ta' dmirijietu, u, di fatti, il-Qorti, dwar tali doveri da' parte tal-gurnalist taghmel referenza ghal dak li tghid il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza Axel Springer fuq imsemmija:

*82. However, Article 10 § 2 of the Convention states that freedom of expression carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the media even with respect to matters of serious public concern. These duties and responsibilities are liable to assume significance when there is a question of attacking the reputation of a named individual and infringing the "rights of others". Thus, special grounds are required before the media can be dispensed from their ordinary obligation to verify factual statements that are defamatory of private individuals. Whether such grounds exist depends in particular on the nature and degree of the defamation in question and the extent to which the media can reasonably regard their sources as reliable with respect to the allegations.*

Huwa ghalhekk proprju in vista ta' tali assersjonijiet illi l-Qorti ghandha tassikura illi jintlahaq bilanc necessarju bejn id-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni u id-dritt tal-protezzjoni tar-reputazzjoni, u sabiex jigi assikurat li hemm tali bilanc, il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem niedet sitt kriterji importanti sabiex jigi assikurat illi, kif tghid il-Qorti, "*the right to freedom of expression is being balanced against the right to respect for private life*".

Tali kriterji gew mhaddna anke mill-Qrati taghna, kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, fejn osservat korrettement illi :

*dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, fil-kaz odjern, illi l-artikolist li rrediga tali artikolu, illi baqa' qatt ma identifika ruhu bir-rizultat illi l-editur kellu jidhol responsabbli ghalih, ghazel illi jaghti x'jifhem lill-qarrej ordinarju illi r-rikorrenti Dr Andrew Borg Cardona u Dr Peter Caruana Galizia kienu benefikaw minn

kuntratti kbar fl-ammont komplessiv ta' madwar €2,5 miljun fuq medda ta' snin, liema kuntratti inghataw lill-kumpannija illi giet deskritta bhala li fiha huma *shareholders*.

Jirrizulta ukoll illi l-istess artikolist ghazel illi, fil-faccata tal-gazzetta, jdahhal ritratt tar-rikorrenti Daphne Caruana Galizia flimkien ma' dak ta' Dr Andrew Borg Cardona, meta hija ma kellha x'taqsam assoltament xejn fis-socjeta BCGL Services Limited u wisq anqas is-socjeta Evolve Limited.

Jirrizulta, illi ghalkemm l-artikolist kellu kull opportunita illi jivverifika d-dokumentazzjoni kollha in konessjoni mal-kumpannija Evolve Limited kif ukoll il-kumpannija BCGL Services Limited, huwa naqas milli jghid lill qarrejja tieghu illi attwalment, ir-rikorrenti kellhom sehem ta' 25% kull wiehed fid-ditta BCGL Services Limited, liema ditta kellha, bhala ghad uniku taghha, dak illi toffri servizzi fiducjarji.

Jirrizulta ukoll illi l-artikolist naqas milli jgharraf lill-qarrejja tieghu ukoll illi s-socjeta BCGL Services Limited, illi kellha ishma fis-socjeta Evolve Limited, kienet qieghda zzomm tali ishma bhala '*Trustee*', kif inhuwa indikat carament fil-Memorandum and Articles of Association ta' l-istess socjeta Evolve Limited.

Finalment, jidher car illi l-artikolist ried jaghti x'jifhem illi r-rikorrenti kienu bbenefikaw personalment minn tali flejjes, u dana johrog car minn l-ahhar paragrafu tal-artikolu, illi huwa maghruf bhala il-paragrafu illi jikxef l-intenzjonijet ahharija tal-artikolist u li huwa intiz sabiex jaghti l-ahhar imbekkata da parte tal-artikolist fl-artikolu u jipprovdi dak l-hekk imsejjah '*sting in the article*', fejn il-qarrej ordinarji jithalla jewden fuq il-kontenut tal-artikolu fl-isfond ta' l-ahhar kliem u allegazzjonijiet li jaghmel l-artikolist.

Dana kollu johrog car meta taqra l-ahhar paragrafu, illi kien jghid li gej:

> *Dan kollu fl-istess hin li Andrew Borg Cardona u Peter Caruana Galizia, iz-zewgt diretturi tal-kumpannija li hija shareholder f'Evolve Limited, thallsu bejniethom aktar minn €80,000 f'kuntratti ta' konsulenza li nghataw ukoll minn gvern Nazzjonalista.*

Madanakollu, ghalkemm l-artikolist jipprova jaghti x'jifhem illi r-rikorrenti ibbenefikaw minn dawna l-kuntratti kollha tramite il-kumpannija 'taghhom' Evolve Ltd, quddiem dina l-Qorti huwa ma kien kapaci jressaq ebda prova in sostenn ta' dan.

Mill-banda l-ohra, filwaqt illi hareg car illi r-rikorrenti ma kellha ebda ness mal-operat tas-socjetajiet BCGL Services Limited u Evolve Limited, u li ssemmiet unikament ghax hija mart Dr Peter Caruana Galizia u illi kienet maghrufa bhala "*il-blogger Nazzjonalista*", Dr Borg Cardona u Dr Caruana Galizia wrew illi ghas-servizzi ta' '*Nominee Shareholding*', fuq medda ta' sitt snin is-socjeta tar-rikorrenti, BCGL Services Limited, thallset ftit aktar minn €5,000.

Jidher car, ghalhekk, illi minn dak kollu illi allega l-artikolist, ma kien vera assolutament xejn, apparti mill fatt illi hareg car illi r-rikorrent Daphne Caruana Galizia ma kellha ebda konnessjoni mal-allegazzjonijiet, u ssemmiet unikament in ritaljzazzjoni tal-azzjonijiet u blogs taghha li tant kienu jqajmu kontroversja. Ghalhekk tali allegazzjonijiet certament ma jistghux jigu protetti bid-difiza tal-fair comment illi qajjmu l-intimati.

Kif gie osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta' Jannar, 2016.

*Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id- dritt.*

Kif qalet dina l-Qorti, kif ppresjeduta, fil-kawza '**Alan Camilleri vs Saviour Balzan**' deciza fl-20 ta' Gunju 2016,

*"Il-Qorti, finalment, tosserva illi ghalkemm huwa d-dover tal-gurnalist illi jgharraf u jzomm lill-pubbliku w il-qarrejja a korrent ta' kull informazzjoni relatata ma' agir ta' persuni pubblici, kemm politici kif ukoll persuni fis-servizz civil u f'posizzjonijiet importanti fis-socjeta civili, huwa ferm aktar importanti illi l-gurnalist jassikura ruhu illi l-fatti kif minnu indikat huma sostanzjalment veri u, f'kaz illi huwa ma jkollux konfort ta' provi sufficjenti, ghandu jzomm lura milli jippubblika tali stejjer, stante illi l-pubblikazzjoni ta' l-istess jwasslu sabiex il-kredibilita' tal-gurnal u l-gurnalist tigi pregudikata u, aktar importanti, il-pubbliku in generali jinghata informazzjoni illi ma jkunx minnu, fatt illi, minnu nniffsu, huwa ta' hsara kemm lill-persuna illi dwarha qed issir l-istorja u, aktar u aktar, lill-gurnalizmu il-generali, li jisthoqqlu rispett ghax-xoghol siewi u ta' utilita' kbira ghas-socjeta demokratika hajja illi Malta tgawdi illum il-gurnata."*

Fl-era esistenti illum, fejn is-socjeta giet manipulata mill-hekk imsejjha "social media", illi qed tirrizulta aktar utili bhala ghodda ta' misinformazzjoni u tkattir tal-biza ghal min irid jaghmel il-hsara lis-socjeta ghall-beneficcju personali tieghu milli bhala ghodda biex thaddan l-ghaqda u l-gid tal-bniedem u s-socjeta, l-importanza ta' gurnalizmu serju u investigattiv tiehu xejra aktar serja u importanti, peress illi l-qarrej ordinarju ghandu bzonn illi jisma l-verita' dwar il-fatti u mhux nofs veritajiet intizi biex jaghmlu hsara lill ohrajn, u huwa proprju hawnhekk illi l-funzjoni ta' gurnalist illum il-gurnata huwa ferm aktar importanti milli fil-passatt. Il-gurnalist ghandu jkun l-ghodda tal-verita u  il-qarrejj ordinarju ghandu bzonn jinghata assikurazzjoni ta' sincerita' u onesta fix-xoghol tal-gurnalist, sabiex il-gurnalist jakkwista dik il-fiducja illi jispetta lilu u li jista jaghmel biss gid lill-gurnalizmu in generali. Fl-artikolu meritu tal-kawza odjerna, sfortunatament, dawna l-elementi kienu kollha neqsin.

Kif qalet dina l-Qorti fil-kawza '**Keith Schembri vs Nathaniel Attard et**' deciza fil-11 ta' Lulju 2016,

*Din il-Qorti ma tistax ma tirrepetix illi tali tip ta' gurnalizmu jaghmel ferm aktar hsara milli gid lill-gurnalizmu in generali u lir-rispett illi l-mezzi tax-xandir jisthoqqilhom stante illi l-artikolu ma huwiex bbazat principalment fuq it-tfittxija tal-verita' u tax-xandir tal-fatti lill-qarreja, izda huwa bbazat fuq l-intenzjoni, da' parte ta' l-artikolist, illi jaghmel hsara.*

Ghalhekk, il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi l-artikolu meritu tal-kawza odjerna ghandu jitqies bhala libelluz u malafamanti fi-konfront tar-rikorrenti.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi prodotti,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tilqa** it-talba attrici, u ghalhekk

**Tiddikjara** l-artikolu illi deher fil-gurnal Kullhadd fit 3 ta’ Awissu 2014 bl-isem ta’ “€2.5 miljun f’kuntratti” bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat Aleander Balzan, bhala editur, ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) bhala danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu a kariku ta' l-intimat Aleander Balzan.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur